# *Gwida għal min Juża l-Adapter*

**MALTESE**

**Kif tuża:** Daħħal il-biljett (card) tiegħek tal-memorja ġewwa s-SanDisk PC Card Adapter u daħħal il-PC Card Adapter fl-islott tal-PC Card fil-kompjuter tiegħek. Imbagħad int tista' tuża l-apparat kif soltu tużah, tikkreja, tikkopja, teditja, tpoġġi fejn trid jew tħassar files. **Prekawzjonijiet:** Evita l-użu tal-PC Card Adapter meta l-batterija tal-kompjuter tiegħek tkun baxxa. Meta tkun qed tikteb lill-biljett, stenna sakemm l-operazzjoni tispiċċa qabel ma tneħħi l-biljett. Il-biljett hu mfassal biex jiffitja faċilment fil-PC Card Adapter f'direzzjoni waħda biss. Tgħawwiġx il-biljett jew tisforzahx fil-PC Card Adapter.
**Reġistrazzjoni tal-Prodott:** Int tista' tirreġista s-SanDisk PC Card Adapter tiegħek *online* fis-sit tal-web ta' SanDisk f'http://www.sandisk.com/registration.
**Sapport Tekniku:** Żur is-sit tal-web ta' SanDisk, www.sandisk.com, jew ċempel 1-866-SANDISK (1-866-726-3475) bejn 8AM u 5PM PST, 7 ġranet kull ġimgħa.
**Garanzija ta' Sentejn ta' SanDisk:** SanDisk tiggarantixxi li dan il-prodott hu konformi ma' l-ispeċifiċi kollha pubblikati tal-prodott u ma fihx l-ebda difetti fil-materjali jew fix-xogħol li jistgħu ifixxkluhom milli jaħdmu skond l-ispeċifiċi pubblikati tal-prodott għal sentejn mid-data tax-xiri. Din il-garanzija espressa hija estiża minn SanDisk Corporation, 140 Caspian Court, Sunnyvale, CA 94089. Il-prodotti ta' SanDisk mhumiex garantiti li huma kapaċi jaħdmu mingħajr problemi. Għalhekk, f'kwalunkwe użu tal-prodotti fis-sistemi jew applikazzjonijiet oħra li jgħinu persuna tibqa' tgħix meta jekk il-prodott ma jibqax jaħdem tajjeb dan għandu mnejn jikkawża korriment jew telf ta' ħajja, il-prodotti għandhom ikunu inkorporati biss f'sistemi li ġew imfassla b'mod li għandhom partijiet addattati li huma żejda imma qed jinżammu f'każ ta' ħsara f'parti oħra, joffru tolleranza għad-difetti u ta' riżerva IL-GARANZIJI KOLLHA STATWARJI JEW IMPLIKATI LI JISTA' JKUN HEMM HUMA SUSSEGWENTEMENT MIĊĦUDA. SANDISK MHUX SER IKUN OBBLIGAT TAĦT L-EBDA ĊIRKUSTANZA GĦAL KWALUNKWE ĦSARAT INDIRETTI, INĊIDENTALI JEW KONSEGWENTI JEW TELF TA' DATA.